

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “Café del Sol” – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 6 105 985

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 1095/2017-4

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni kkontestata, billi tiddikjara n-natura fondata tal-oppożizzjoni bbażata fuq it-trade mark prijoritarja li l-opponent, Ramón Guiral Broto, huwa proprjetarju tagħha, jiġifieri t-trade mark Spanjola Nru 2348110, fil-klassi 42 tal-Klassifikazzjoni ta' Nice.
- tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, li ħadet l-applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 6 105 985 CAFÉ DEL SOL, għal “servizzi għal provvista ta' ikel u xorb, akkomodazzjoni temporanja u catering”, fil-klassi 43 tal-Klassifikazzjoni ta' Nice, magħmula mill-kumpanija kummerċjali Ġermaniża GASTRO & SOUL GmbH, minħabba probabbiltà ta' konfużjoni għall-konsumatur li tirriżulta mill-eżistenza taż-żewġ trade marks inkwistjoni, minħabba l-allegat xebh verbali u l-identikità fl-applikazzjoni tagħhom; jew, jekk il-Qorti Ġenerali ma tkunx kompetenti li tagħmel hekk, tibgħat lura t-tilwima lill-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern u tikkunsidra l-oppożizzjoni fondata.
- sussidjarjament, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata minħabba nuqqas ta' konsistenza u ksur tad-drittijiet tad-difiża u ċ-ċertezza legali tar-rikorrent, wara li għet espressament miċħuda lilu l-possibbiltà li jipprovi traduzzjoni sħiħa tat-trade mark prijoritarja preċedenti permezz tar-Rikors Nru 1095/2017-4, li jfixkel b'dan il-mod wieħed mill-għanijiet fundamentali li kellu r-rinviju mill-ġdid tal-każ quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO deċiż b'sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Diċembru 2016 fil-Kawża T-548/15, li tat rinviju mill-ġdid għall-Bord tal-Appell tal-EUIPO sabiex tippermetti tali rettifika u konsegwentement ir-rikors jiġi deċiż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2018 – Guiral Broto vs EUIPO – Gastro & Soul (CAFE DEL SOL)

(Kawża T-90/18)

(2018/C 134/43)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Ramón Guiral Broto (Marbella, Spanja) (rappreżentant: J. de Castro Hermida, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Gastro & Soul GmbH (Hildesheim, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Café del Sol – Trade mark tal-Unjoni Nru 6 104 608

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 1096/2017-4

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiddikjara ammissibbli l-oppożizzjoni bbażata fuq it-trade mark prijoritarja li l-opponent, Ramón Guiral Broto, huwa proprjetarju tagħha, jiġifieri t-trade mark Spanjola Nru 2348110, fil-klassi 42 tal-Klassifikazzjoni ta' Nice.
- tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, sa fejn din ċaħdet l-applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Nru 6 104 608 għal "servizzi għal provvista ta' ikel u xorb, akkomodazzjoni temporanja u catering" fil-klassi 43 tal-Klassifikazzjoni ta' Nice, ippreżentata mill-kumpanija kummerċjali Gastro & Soul GmbH, minħabba probabbiltà ta' konfużjoni tal-konsumatur li tirriżulta mill-konvivenza tat-trade marks kunfliġġenti, fid-dawl tal-allegat xebh verbali u identità fl-applikazzjoni bejn dawn tal-aħħar; jew, f'każ li l-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li ma hijiex kompetenti, tibgħat lura t-tilwima quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern u tordna l-ammissibbiltà tal-oppożizzjoni;
- sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata minħabba nuqqas ta' koerenza u ksur tad-drittijiet tad-difiża u ta' ċertezza legali tal-applikant sa fejn dan ġie mċaħħad espressament mill-possibbiltà ta' traduzzjoni kompleta tat-trade mark prijoritarja kif mitluba fir-rikors 1096/2017-4, li wassal għal ksur ta' wieħed mill-għanijiet fundamentali tar-rinvju tal-kawża quddiem il-Bordijiet tal-Appell tal-EUIPO kif ordnat mis-sentenza mogħtija minn din l-onorabbli qorti fit-13 ta' Diċembru 2016 fil-Kawża T-549/15, li fiha sar rinvju ġdid għall-Bordijiet tal-Appell tal-EUIPO sabiex issib rimedju u konsegwentement issolvi l-kawża.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Frar 2018 – Equity Cheque Capital Corporation vs EUIPO (DIAMOND CARD)**(Kawża T-91/18)**

(2018/C 134/44)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Equity Cheque Capital Corporation (Victoria, il-Kanada) (rappreżentanti: I. Berkeley, barrister, P. Wheeler u C. Rani, solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: l-applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni DIAMOND CARD – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 775 422

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 1544/2017-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.